# UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI

**Il-Kurja ta' l-Arċisqof, Floriana**

Tel: 25906203/21241281 Fax: 21242971 Email: info@maltadiocese.org

*6 ta' Ottubru, 2009*

103/2009

## JUM IT-TAGĦLIM NISRANI

**Il-Ħadd 11 ta' Ottubru**

Din is-sena 'Jum it-Tagħlim Nisrani' se jiġi ċċelebrat nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru. F'dan il-jum il-Knisja tiċċelebra x-xiehda kontinwa u d-dedikazzjoni tal-katekisti flimkien ma' l-għajnuna u s-sehem tal-komunità nisranija. It-tema għal din is-sena hi 'Mill-Frott Tagħhom Tagħrfuhom' – Mt 7.20.

Għal din l-okkażjoni se ssir laqgħa tal-katekisti u l-għalliema ma' l-Arcisqof Pawlu Cremona, fil-bidu tas-sena kateketika 2009 – 2010. Din se ssir għada, l-Erbgħa, 7 ta' Ottubru fl-*auditorium* tas-Soċjeta tad-Duttrina Nisranija, il-MUSEUM, Blata l-Bajda. L-attivita tibda fis-7p.m.